MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 13/1978/1

**Registratur tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna**

**v.**

**Helen sive Lily Masini bhala konsorti fl-akkwisti konjugali gia` ezistenti mal-mejjet zewgha l-Avukat Dottor Francesco Masini u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1987, Dr Anton Refalo gie nominat kuratur sabiex jirrapprezenta lil Helen sive Lily Masini li mietet fil-mori tal-kawza u ghal kull interess li jista' ikollha fuq l-eredita` ta' l-istess zewgha kif ukoll bhala prokuratrici ta' l-assenti binha George Masini u b'digriet tat-28 ta'**

**Mejju 1984, Dr Carmelo Galea u l-P.L. Antoinette Micallef gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti George Masini li miet fil-mori tal-kawza, Rose Mary mart Vincenzo Refalo, Joseph Masini u b'digriet tat-12 ta' Frar 2002, peress illi miet Giuseppi Masini, il-gudizzju gie trasfuz f'isem martu Pacifika armla Masini, Maria Elena Vella, Francesca Mizzi, Frank Masini, Ian John Masini, Jason Masini u Raymond Masini; u Franco Masini B.A., L.P. bhala tfal u eredi ta' l-istess Avukat Dottor Francesco Masini, Maria Assunta Said bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti gia` ezistenti mal-mejjet zewgha Carmelo Said u ghal kull interess li jista' ikollha fuq l-eredita` ta' l-istess zewgha u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2002, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Dun Guzepp Said, John Said u Anthony Said stante l-mewt ta' Maria Assunta Said fil-mori tal-kawza; Reverendu Sacerdot Dun Joseph Said f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-assenti hutu John u Anthony Said bhala eredi ta' missierhom l-imsemmi Carmelo Said; u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2002, John Said gie nominat kuratur deputat ghan-nom ta' l-assenti Anthony Said**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-attur minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-20 ta' Jannar 2004, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta hawn fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dana l-appell. Is-sentenza appellata ddecidiet hekk:
"Il-Qorti;

"Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti mehtiega, peress illi l-Avukat Francesco Masini u Carmelo Said, awturi tal-konvenuti, kienu ghamlu kawza quddiem din il-Qorti, kompetenza kummercjali, kontra Concetta armla ta’ Salvatore Grech u ohrajn (Citazzjoni numru 3 ta’ l-1957) ghall-approvazzjoni tal-kontijiet tal-gestjoni minnhom mizmuma tad-Ditta “Gatt and Grech” u tad-dghajjes ta’ l-istess ditta, kif ukoll ghall-kundanna tal-hlasijiet dovuti

ghall-ispejjez u drittijiet ta’ l-istess gestjoni, u talbiet ohrajn, liema kawza giet deciza minn dik il-Qorti fit-2 ta’ Frar 1971, bl-ispejjez minghajr taxxa.

"Illi d-drittijiet tar-Registru f’dik il-kawza numru tlieta tas-sena 1957 jammonta ghall-elf mitejn disgha u hamsin lira Maltija, erbatax-il centezmu u zewg millezmi (Lm1,259.14,2) skond taxxa annessa (Dok A).

"Illi la l-awturi tal-konvenuti fuq imsemmija u anqas il-konvenuti stess ma qatt hallsu xejn mill-istess drittijiet tar-Registru peress illi rritenew li hu esagerat (Dok B, C, D, E) nonostante l-ittri ufficjali tas-6 ta’ Settembru 1977 u tat-18 ta’ Ottubru 1977;

"Talab illi ghar-ragunijiet premessi, l-konvenuti jigu kkundannati flimkien u *in solidum* ihallsu lill-attur is-somma ta’ elf mitejn disgha u hamsin lira Maltija erbatax-il centezmu u zewg millezmi (Lm1259.14,2) drittijet tar-Registru fil-kawza fuq indikata.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tas-6 ta’ Settembru 1977 u tat-18 ta’ Ottubru 1977, u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti.

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Masini fejn eccepixxa:

"Illi huwa m’ghandu jaghti xejn lill-attur u ma huwiex debitur ta’ l-attur skond il-ligi.

"Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Helen sive Lily Masini bhala konsorti fl-akkwisti konjugali ga` ezistenti mal-mejjet zewgha l-Avukat Dottor Francesco Masini u ghal kull

interess li jista’ jkollha fuq l-eredita` ta’ l-istess zewgha, kif ukoll bhala prokuratrici ta’ l-assenti binha George Masini, Rose Mary mart Vincenzo Refalo u Franco Masini B.A., L.P. bhala tfal u eredi ta’ l-istess Avukat Dottor Francesco Masini fejn eccepiet:

"In-nuqqas ta’ solidarjeta`;

"Il-preskrizzjoni ta’ sentejn ghat-termini ta’ l-Artikolu 2254(e) tal-Kodici Civili.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda annessa.

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maria Assunta Said, u r-Reverendu Sacerdot Dun Joseph Said proprio et nomine fejn eccepew:

"In linea preliminari l-inkompetenza ta’ din l-Onorabli Qorti peress illi l-kawza kien messha saret f’din il-Qorti fil-kompetenza taghha kummercjali.

"Minghajr pregudizzju jeccepixxu l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ta’ l-attur kontra taghhom.

"Fil-mertu jeccepixxu illi skond is-sentenza tat-2 ta’ Frar 1971, citata fic-citazzjoni l-ispejjez tal-kawza kellhom jithalsu mill-konvenuti u mhux mill-atturi.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda annessa.

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph Masini li biha eccepixxa ulterjorment:

"Li hi ta’ ostakolu ghall-azzjoni attrici l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2254(e) ta’ sentejn fil-Kodici Civili li l-konvenut jinvoka favur tieghu.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u d-dikjarazzjoni dwar ix-xhieda.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Rose mart Vincent Refalo, Giuseppe Masini, Franco Masini u l-avukat Dottor Carmelo Galea bhala kuratur ta' l-assenti George Masini fejn eccepew ulterjorment:

"1. illi l-kawza fuq imsemmija tinsab dezerta a terminu ta' l-Artikolu 965 tal-Kap. 12 stante li dina kienet thalliet sine die fit-22 ta' Jannar 1980 u giet riapputnata fid-19 ta' Awissu 1981.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u r-risposta ta' l-attur (folio 91).

"Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tal-1 ta' Gunju 1978, fejn iddisponiet dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza billi cahditha u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

"Rat ir-rikors ghal-legitmazzjoni ta' l-atti stante l-mewt tal-konvenuta Helen sive Lily Masini u d-digriet relattiv – folio38);

"Rat ir-rikors ta' l-attur (folio 55) li talab in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti George Masini u d-digriet relattiv;

"Rat ir-rikors ta' l-istess attur (folio 76) u d-digriet relattiv (folio 78) li bih gie nominat Dr Anton Refalo sabiex jirraprezenta lill-mejta Helen sive Lily Masini;

"Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta' Gunju 1988, fejn iddisponiet mill-eccezzjoni ulterjuri tad-dezerzjoni billi cahditha u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

"Rat ir-rikors ta' l-attur (folio 183) ghat-trasfuzjoni ta' l-atti in segwitu tal-mewt ta' Giuseppe Masini u d-digriet taghha;

"Rat ir-rikors ta' l-attur (folio 191) ghat-trasfuzjoni ta' l-atti konsegwenza l-mewt ta’ Maria Assunta Said u d-digriet taghha;

"Ezaminat il-provi;

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Rat il-verbal taghha tal-10 ta’ Ottubru 2003, fejn il-kawza thalliet ghall-lum ‘ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni okkorrendo sentenza finali’.

"Ikkunsidrat:

"L-attur qieghed jesigi permezz ta’ din ic-citazzjoni l-hlas tar-registru tal-kawza fl-ismijiet “Francesco Masini u Carmelo Said -vs- Concetta Grech et” (citazz nru 3/1957) finalment deciza fit-2 ta’ Frar 1971, minn dina l-Qorti allura fil-kompetenza taghha kummercjali.  Skond kif hemm mistqarr mill-attur fid-dikjarazzjoni tal-fatti tieghu u kif juru d-dokumenti annessi mac-citazzjoni, id-decizjoni hi riflessjoni tat-transazzjoni raggunta bejn l-allura kontendenti.  L-ispejjez kienu baqghu ‘bla taxxa’. Dejjem mid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur l-konvenuti huma l-‘aventi kawza’ ta' l-atturi f’dik il-kawza u l-attur f’din il-kawza, r-Registratur tal-Qorti, qieghed jesigi minghandhom il-hlas tar-registru ta’ dik il-kawza citazzjoni numru 3/1957 deciza fit-2 ta’ Frar, 1971.

"Il-konvenuti kollha opponew il-preskrizjoni ghat-termini ta' l-Artikolu 2254(e), illum 2149(e) tal-Kodici Civili, jigifieri, il-preskrizzjoni ta’ sentejn li tirreferi u tolqot l-“azzjonijiet tal-Gvern ta’ Malta, ghall-hlas ta’ drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra”, li, bla dubbju, hi sollevabbli f’din il-kawza trattasi ta’ hlas ta’ registru ta’ kawza li m’huma xejn hlief spejjez gudizzjarji u liema sentejn bdew jiddekorru mid-data tas-sentenza.

"Issa huwa sintomatiku li rinfaccjat b’din l-eccezzjoni l-mezzi tal-attur sabiex jikkumbatti l-preskrizzjoni eccepita jikkonsistu filli jew jaghti l-gurament lill-konvenut jew billi

juri l-innammissibilita`, l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha (Vol.XXXVII.ii.626).

"Illi jirrizulta li l-attur tul kemm baqghet ghaddejja din il-kawza, mill-14 ta' Frar 1978, ma dehrlux li kellu jutilizza ebda wiehed minn dawn il-mezzi, fis-sens li jaghzel liema minnhom kien ser jadotta; donnu li strah fuq korrispondenza li kienet mibghuta minn Carmelo Said li hu qies bhala rikoxximent tad-debitu u kwindi li l-preskrizzjoni kienet giet interrotta. Ghandu jkun palesi, f'dan il-kuntest, li l-innammissibilita` u s-sospensjoni kjarament mhumiex sostenibbli. Issa, apparti li l-imsemmi Said huwa fost wiehed biss mill-presunti debituri, minn qari, anki superficjali tal-korrispondenza esebita, jippersisti d-dubbju jekk ir-rikonoxximent jistax jigi meqjus tali. Huwa rikonoxxut li rikonoxximent, ai fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni, ghandu jkun car u univoku. Il-Qorti hi tal-fehma li mhux biss dawn il-karateristici huma nieqsa, izda wkoll, li bil-fatt biss li l-imsemmi Said ittanta jittransigi la jista' jitqies rikonoxximent u lanqas ma hu accettat li hu tali (vide Appell – Frendo vs Farrugia deciz 2 ta' Gunju 2002). Oltre dan m'hemm xejn fil-process li jikkonduci lill-Qorti li ma takkoljix din l-eccezzjoni una volta jirrizulta li l-azzjoni giet intavolta seba' snin wara li l-allegat debitu gie dovut u meta 'ex admissis' l-ewwel interpellazjoni saret fis-6 ta' Settembru 1977.

"Ghalhekk ser tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili.

"Illi, ghall-kompletezza jinghad li l-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili b'referenza ghal din il-preskrizzjoni, u ohrajn imsejha preskrizzjonijiet brevi, jipprovdi illi m'ghandhiex effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li m'humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhalsa, hlief li ghar-rigward il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur jew li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minghand dik il-persuna, jekk ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata. Fil-proceduri in disamina l-konvenuti ma gewx assoggettati ghal dan il-gurament dilatorju u l-attur f'ebda stadju ma nsista, kif kienet prerogattiva tieghu, li

jassoggettahom ghal dan il-gurament. Anzi, kif intqal fuq, ghazel triq, dik ta' l-interuzzjoni, li fil-fehma tal-Qorti mhix sostanzjata u fuq il-massima *'electa una via non datur recursus ad alteram'* ma jistax illum jipprevali izjed minn dan id-dritt.

"Ghalhekk, tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

**IR-RIKORS TA' L-APPELL TAR-REGISTRATUR TAL-QORTI TAL-MAGISTRATI TAL-PULIZIJA GUDIZZJARJA GHALL-GZEJJER TA' GHAWDEX U KEMMUNA**

2. L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza preliminari tal-20 ta' Jannar 2004, li biha l-Qorti tal-Magistrati Ghawdex laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi ta' l-Artikolu 2149(e) u cahdet it-talba tieghu, u ghalhekk interpona appell minnha. L-aggravji tieghu huma essenzjalment tnejn:

(1) L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minkejja li l-konvenuti ma gabu l-ebda prova f'dan is-sens; u

(2) Il-korrispondenza mibghuta mill-awtur ta' uhud mill-konvenuti, Carmelo Said, turi bic-car li hu ma cahadx l-ezistenza tad-debitu izda semplicement kien qed jippretendi tnaqqis fl-ammont dovut bhala taxxa. Dan il-fatt jammonta ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni u kwindi rinunzja ghall-istess.

Minbarra dawn l-aggravji, l-appellant jaghmel zewg punti: li l-accettazzjoni tad-debitu da parti ta' wiehed mid-debituri *in solidum* tipprekludi l-preskrizzjoni ghal favur id-debituri l-ohra *ai termini* ta' l-Artikolu 1100 tal-Kap. 16; u li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tinghata tifsira restrittiva u ghalhekk jekk jezisti dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI**

3. Il-konvenuti huma tal-fehma li s-sentenza appellata hija gusta u ghalhekk timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tar-rikors ta' l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Dwar l-ewwel aggravju tar-rikorrent appellant jissottomettu li ma kien jehtieg l-ebda prova da parti taghhom sabiex isostnu d-dekorrenza tat-terminu preskrittiv - dan jirrizulta *ex admissis* mid-dikjarazzjoni u mill-premessi ta' l-attur innifsu. Huma ma setghux iressqu xi tip ta' prova ohra oltre dik tal-gurnata li minnha beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv.

Dwar it-tieni aggravju jissottomettu li d-dokumentazzjoni li fuqha qed jistrieh l-appellant sabiex jipprova l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni giet spedita minn Carmelo Said u ghaliha hadd mill-konvenuti odjerni (li ghamlu r-risposta) ma ppartecipa jew ikkontribwixxa b'xi mod. Huma jsostnu dan ghaliex ma tezistix solidarjeta` bejn il-konvenut Said u l-konvenuti Masini f'din il-kawza.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**
**<u>L-ewwel aggravju:</u>**
4. L-appellant jargumenta li gialadarba l-konvenuti qatt ma ressqu provi li kien skada z-zmien sabiex titressaq il-kawza, il-Qorti ma messhiex laqghet l-eccezzjoni taghhom. L-appellant jiccita minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J.R. Micallef) fil-kawza **Stencil Pave (Malta) Ltd v. Dr Maria Deguara noe et**, fit-30 ta' Ottubru 2003, kawza li tirrigwarda azzjoni ghal hlas ta' bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet imwettqa skond ftehim ta' appalt. F'din il-kawza il-Qorti kienet irriteniet hekk:
"...hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min inqanqal l-eccezzjoni...Hi l-parti marrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq."

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minkejja li l-konvenuti ma gabu l-ebda prova dwar il-preskrizzjoni eccepita minnhom.

Fir-risposta taghhom il-konvenuti appellati jghidu li dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant "ma jaghmilx sens" ghaliex, jargumentaw, li in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnhom ma jistghux iressqu xi tip ta' prova ohra oltre dik tal-gurnata illi minnha beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv. Ikomplu jghidu li "F'dan il-kaz, id-*dies a quo,* hija d-data ta' meta nharget it-taxxa ufficjali u li din id-data tirrizulta palesament mit-taxxa ufficjali nnifisha".

L-ewwel Qorti kienet irriteniet illi l-perjodu preskrittiv ta' sentejn jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-kawza **Masini v. Grech**, u cioe` 2 ta' Frar, 1971. L-appellati fir-risposta taghhom qeghdin isostnu li l-perjodu preskrittiv ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta nharget it-taxxa ufficjali relattiva ghall-kawza. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 64 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar ir-ritass li jistipula li:
"L-ispejjez gudizzjarji jigu intaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika."[1]

Minn dan l-artikolu jsegwi li t-taxxa ta' l-ispejjez gudizzjarji tista': jew (1) tintalab; jew (2) tigi notifikata lid-debitur. Fid-dawl ta' dan l-artikolu ghalhekk din il-Qorti thoss li l-perijodu preskrittiv ta' sentejn ghandu jiddekorri mid-data li fiha tkun inharget it-taxxa ufficjali, u f'kaz li tingieb illi d-debitur gie notifikat b'att gudizzjarju, mid-data li fiha jkun regolarment notifikat.

Issa l-Qorti tosserva li t-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez relattivi ghall-kawza **Masini v. Grech** li tinsab esebita fil-process odjern a fol. 5-6 ta' l-istess process (Dok A), hija datata 25 ta' Ottubru, 1977. Din certament mhux it-taxxa originali li nhadment wara li nqatghet is-sentenza tat-2 ta' Frar 1971 peress li Dok B, C, D, E, F u G, li huma

[1] Artikolu 64 tal-Kap. 12 qabel l-amendi ta' Att XXIV tal-1995

korrispondenza da parti ta' Carmelo Said u li jkopru l-perijodu mill-20 ta' Dicembru 1971 sal-21 ta' Marzu 1976, kollha jirreferu ghad-drittijiet tar-Registru.

Mill-atti tal-kawza la tirrizulta d-data li fiha harget it-taxxa ufficjali originali u lanqas data li fiha gew notifkati d-debituri bit-taxxa, jekk kien il-kaz. Ghalhekk wiehed ma jistax ikun jaf id-data preciza li minnha jibda jiddekorri t-terminu preskrittiv ghall-hlas tad-drittijiet tar-Registru.

Nonostante dan, Dok B, datat 20 ta' Dicembru 1971, li hija petizzjoni ta' Carmelo Said li fih huwa rrikorra lejn il-Ministru Anton Buttigieg sabiex jigu ridotti l-ispejjez tal-kawza tal-1971, tikkostitwixxi prova li t-taxxa kienet inhadmet f'xi zmien bejn it-2 ta' Frar 1971 u l-20 ta' Dicembru, 1971. Skond ir-Registratur, l-ewwel interpellazzjoni da parti tieghu ghall-hlas tad-drittijiet kienet saret fis-6 ta' Settembru 1977 permezz ta' ittra ufficjali, liema ittra ma tirrizultax fl-atti.
Ghalhekk ghalkemm mill-atti ma tirrizultax data preciza li minnha wiehed jista' jibda jikkalkula t-terminu ta' preskrizzjoni ta' sentejn ghal "azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra" skond l-Artikolu 2254(e)[2], mid-dokumenti li esebixxa l-attur stess jirrizulta li t-taxxa kienet inharget f'xi zmien fis-sena 1971 u l-ewwel interpellazzjoni ufficjali ghall-hlas, skond l-attur stess ma saritx qabel Settembru tal-1977. Ghalhekk jidher ampjament pruvat a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li ghaddew ferm iktar minn sentejn minn meta nharget it-taxxa ufficjali sa meta saret l-ewwel interpellazzjoni ghall-hlas. L-ewwel aggravju ta' l-appellant ghalhekk huwa infondat.

**<u>It-tieni aggravju:</u>**
5.1 L-appellant fit-tieni aggravju tieghu jaghmel referenza ghad-Dokumenti B sa G, li jikkonsistu f'korrispondenza mibghuta minn Carmelo Said, l-awtur ta' uhud mill-konvenuti. L-appellant jinsisti li dawn id-dokumenti juru bic-car li l-istess Carmelo Said, kien qed jippretendi

[2] Fiz-zmien li saret il-kawza dan l-Artikolu kien 2149(e). Illum dan l-artkolu ma ghadux jezisti

tnaqqis fl-ammont dovut bhala taxxa izda ma cahadx l-ezistenza tad-debitu.  Jissottometti li skond gurisprudenza kostanti, meta d-debitur jikkontesta l-ammont li jkun gie mitlub ihallas izda ma jichadx li hu debitur, dan jammonta ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

L-appellant jargumenta li Carmelo Said sa l-ahhar ittra mibghuta minnu fil-21 ta' Marzu 1976 (Dok G) baqa' isegwi l-linja tieghu, u cioe` (1) li jippretendi riduzzjoni fl-ammont ta' taxxa u (2) li ma cahadx l-ezistenza tad-debitu.  Dan il-fatt, ikompli jargumenta, jammonta ghal rinunzja u interruzzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni li setghet bdiet tiddekorri a favur tal-konvenut Said.  Huwa jirreferi ghal Troplong li jghallem li:
*"Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma."*

Issa l-ewwel Qorti min-naha taghha kienet irriteniet li:
"Huwa rikonoxxut li rikonoxximent, ai fini ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, ghandu jkun car u univoku.  Il-Qorti hi tal-fehma li mhux biss dawn il-karatteristici huma nieqsa, izda wkoll, li bil-fatt biss li l-imsemmi Said ittanta jittransigi la jista' jitqies rikonoxximent u lanqas ma hu accettat li hu tali.  (vide Appell - **Frendo v. Farrugia** deciz 2 ta' Gunju, 2002).[3]

Fil-fehma ta' l-appellant din it-tezi ta' l-ewwel Qorti li ma kienx hemm rinunzja "cara u univoka" ghall-preskrizzjoni ma treggix.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa kollha din il-korrispondenza ta' Said konsistenti f'sitt ittri (Dok B sa G) u rrizultalha hekk:
<u>Dokument B:</u> huwa petizzjoni datata <u>20 ta' Dicembru 1971</u>, li permezz taghha Carmelo Said jirreferi ghall-ispejjez tal-Qorti fir-rigward tal-kawza deciza fit-2 ta' Frar

[3] Jirrizulta li l-isem tal-kawza gie indikat erronjament:  il-kawza li ghaliha saret referenza kienet effettivament **Silvio Frendo et v. Andrew Faenza**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-2 ta' Gunju 2000

1971, li jammontaw ghal £1,259.2,10 u jitlob lill-Ministru Anton Buttigieg biex,

"jaghmillu xi riduzzjoni billi jnaqqaslu xi ftit minn dawn l-ispejjez......din ir-riduzzjoni talabha ghaliex m'ghandux mnejn ihallas it-tariffa tal-Qorti...."

Dokument C: jikkonsisti f'ittra datata 19 ta' Novembru 1972, mibghuta minn Carmelo Said lill-Ministru Anton Buttigieg fejn jispjega li huwa kien ircieva minghand certu Cefai sabiex ihallas is-somma kollha ta' £1,259.2,10. Said jghid li diversi avukati kienu qalulu li l-kont tat-tariffa tal-Qorti kien esagerat u kien fih zbalji u difetti. Huwa zied jghid

"...jiena hawn lest biex inhallas in-½ tal-parti tieghi....basta pero` jsiru l-kontijiet regolari u minghajr zbalji."

Dokument D: huwa ittra datata 26 ta' Mejju 1973, mibghuta mill-Prof Ganado, l-avukat ta' Carmelo Said, lill-Ministru Anton Buttigieg fejn jitlob li

*"the matter be considered and a substantial reduction granted on said ammont."*

Dokument E: hija ittra datata 2 ta' Jannar 1974, mibghuta minn Carmelo Said lil certu Saliba, skrivan tar-Registru tal-Qorti ta' Ghawdex in risposta ghal avviz datat 29 ta' Dicembru 1973, fejn intalab biex ihallas is-somma ta' Lm1,259.14,2. F'din l-ittra Said jirreferi ghall-petizzjoni li kien ghamel quddiem il-Ministru Buttigieg

"biex tigi ccekkjata t-tariffa tal-Qorti ta' Ghawdex."

Dokument F: hija ittra ohra simili datata 20 ta' Marzu 1975, mibghuta minn Carmelo Said lil Saliba, skrivan tar-Registru tal-Qrati ta' Ghawdex in risposta ghal avviz ghall-hlas tad-dritt tal-kawza **Masini v. Grech** fejn jghidlu li kien ghamel rikors lill-Ministru Buttigieg fit-18 ta' Novembru 1972, biex tigi vverifikata t-tariffa.

Dokument G: hija ittra datata 21 ta' Marzu 1976, mibghuta minn Carmelo Said in risposta ghal "*reminder*" li rcieva fir-rigward tal-hlas ta' dritt tal-kawza **Masini v. Grech**. Hawnhekk Said jispjega li:

"Bhalma ghidtlek kemm-il darba li jiena fit-18 ta' Novembru 1972, kont ghamilt rikors quddiem The Hon. Dr. Anton Buttigieg Minister of Justice u s'issa ghad ma ghandi l-ebda risposta. Malli jkolli risposta nigi u nkellmek."

5.2 Din il-Qorti tosserva li f'kull wahda mill-ittri tieghu, Carmelo Said, jew Said permezz tad-difensur tieghu, ma jichadx li hu debitur. Fl-ewwel petizzjoni tieghu lill-Ministru jitolbu biex jirriducilu l-ammont peress li ma kellux minn fejn ihallas filwaqt li fis-segwenti ittri lill-istess Ministru u lir-Registratur huwa jikkontesta l-ammont ghax dehrlu li kien esagerat. L-espressjoni wzata f'dawn l-ittri turi li Said qed jammetti li huwa debitur. Ir-rikonoxximent tad-debitu f'dawn l-ittri johrog pjuttost "car u univoku". Rinfaccjata b'din il-korrispondenza, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti meta din irriteniet li Said kien qieghed semplicement jittanta jittransigi. Said ma kienx qed jipprova jelimina xi kwistjonijiet reciproci veri u proprji permezz ta' transazzjoni jew b'mod bonarju. Il-korrispondenza esebita tmur oltre semplici tentattiv ghal transazzjoni. B'kull wahda mill-ittri tieghu Carmelo Said interrompa l-preskrizzjoni ta' sentejn li kienet qed tiddekorri favur tieghu. L-ahhar ittra tieghu ggib id-data 21 ta' Marzu 1976, u l-ewwel interpellazzjoni ufficjali da parti tar-Registratur saret, skond l-istess Registratur, fis-6 ta' Settembru, 1977. Din l-ittra, pero`, qatt ma giet esebita, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha ghall-finijiet tal-kalkolazzjoni tal-preskrizzjoni, izda jirrizulta li l-kawza giet ipprezentata mir-Registratur fl-14 ta' Frar 1978, u ghalhekk inqas minn sentejn mill-ahhar ittra ta' Said. Ghalhekk dan it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa fondat.

**Il-kwistjoni tas-solidarjeta` o meno bejn Said u Masini:**

6. Tqum issa l-kwisjtoni tas-solidarjeta` bejn Said u Masini, l-awturi tal-konvenuti appellati. L-appellant

jippretendi illi Said u Masini huma debituri *in solidum* u li allura l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni da parti ta' Carmelo Said tinterrompi wkoll il-preskrizzjoni ghall-konvenut Masini u l-werrieta tieghu nonostante l-fatt li la Masini u lanqas il-werrieta tieghu ma ppartecipaw jew ikkontribwew b'xi mod ghal din l-interruzzjoni. Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jirrferi ghall-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili li jistipula illi:
"L-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri *in solidum*, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghal wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom."

Ghalhekk biex tigi kkunsidrata l-applikabilita` ta' l-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili ghall-kaz odjern, din il-Qorti trid tistabilixxi jekk kienx hemm solidarjeta` bejn l-istess Said u Masini.

Is-sentenza tat-2 ta' Frar 1971 mhijiex esebita fl-atti pero` fid-dikjarazzjoni tieghu r-Registratur jispjega li f'dik il-kawza l-atturi kienu Francesco Masini u Carmelo Said, l-awturi tal-konvenuti appellati, u l-Qorti Kummercjali kienet tat is-sentenza taghha ai termini tat-transazzjoni raggunta bejn il-kontendenti, u l-attur Carmelo Said kien gie kkundannat ihallas £4,000 "waqt li l-ispejjez tal-kawza baqghu bejn il-kontendenti bla taxxa". Ir-Registratur, fil-kawza li huwa intavola, talab li l-werrieta tal-konvenuti Masini u Said jigu kkundannati jhallsu *in solidum* id-dritt tar-Registru fl-ammont ta' Lm1,259.14,2. Il-werrieta ta' Masini eccipew in-nuqqas ta' solidarjeta`.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 1089 tal-Kodici Civili li jipprovdi li:
"Ma jitqiesx li hemm solidarjeta`. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi ghandha tkun miftiehma espressament."

Dan ifisser li s-solidarjeta` ma tistax tigi prezunta.[4] Japplika allura f'dan il-kaz l-Art. 224 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi kif gej:

---

[4] Vide **Carmel sive Charles Sciberras pen v. Rhouni Youssef et** - deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Novembru, 2005.

"**224.** Meta zewg persuni jew izjed jigu kkundannati ghall-hlas ta' l-ispejjez, kull wahda minnhom tinghadd li giet ikkundannata *in solidum* jew f'kemm ikun l-interess taghha fil-kawza skond id-decizjoni fuq il-meritu."

Minn qari tad-*decide* li tat lok ghal din il-vertenza l-unika parti fil-kawza li hemm imsemmija bhala li giet ikkundannata thallas ammont ta' flus ghas-saldu ta' kwalunkwe kontijiet kien biss Carmelo Said. Fi kliem iehor, l-Avukat Francesco Masini ma giex ikkundannat li jhallas dan l-istess ammont flimkien ma' Carmelo Said. Ghalhekk skond id-decizjoni li nghatat fuq il-meritu fit-2 ta' Frar 1971, l-interess fil-meritu ta' Carmelo Said ma kienx l-istess bhal dak ta' Francesco Masini, li ma gie kkundannat ihallas ebda ammont.

Jidher ghalhekk illi ma tezisti l-ebda solidarjeta` bejn Carmelo Said u Francesco Masini u ghalhekk l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni da parti ta' Said tippregudika biss lill-istess Said u lill-werrieta tieghu.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi ghalhekk billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss fil-konfront ta' l-appellati werrieta ta' Carmelo Said filwaqt li tikkonfermaha fil-konfront ta' l-appellati werrieta ta' Masini.

Tordni li l-atti tal-kawza jigu rinvjati mill-aktar fis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ghall-fini ta' kontinwazzjoni u determinazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom ikunu a karigu ta' l-eredi ta' Carmelo Said ad eccezzjoni ta' l-ispejjez relativi ghall-appellati Masini li jibqghu a karigu ta' l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------